# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF

# ONOR. TONI ABELA LL.D.

**Rikors numru 705/2024**

**Fl-Atti tar-Rik Gur numru 399/24TA wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 886/2024**

**Vistajet Group Holding Limited et**
**Vs**
**Abigail Bartolo**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' Abigail Bartolo (ir-rikorrenti) tad-19 ta' Ġunju 2024.

Rat ir-risposta tas-Soċjetajiet Vistajet Group Holding Limited, Vistajet Malta Finance Plc, Vistajet Limited u Vista Global Holding Limited (is-Soċjetajiet intimati) tat-3 ta' Lulju 2024.

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-proċedura. Rat li r-rikors tħalla' għal digriet in camera.

**Konsiderazzjonijiet**

Il-Qorti tibda biex tinnota li jeżisti attrit kbir bejn is-Soċjetajiet intimati u s-Soċjeta' Air X Charter Holding Limited, li tagħha huwa impjegat ir-rikorrent. Attrit tax-xorta li kellu straripament kemm f'ġurisdizzjonijiet barranin u kif ukoll fis-suq li fih jikkompetu s-Soċjetajiet kollha fuq imsemmija.

F'din il-"gwerra" kummerċjali bejn dawn is-Soċjetajiet inqabbdu wkoll l-impjegati ta' Air X, peress li Group App bejn din is-Soċjeta' u l-impjegati tagħha ġie f'idejn is-Soċjetajiet intimati li wasluha biex tifhem li l-istess impjegati ta' Air X kienu kompliċi u pparteċipaw f'kampanja konsistenti f'sensiela ta' artikli li deheru fl-istampa internazzjonali, li skond l-istess Soċjetajiet intimati kkawżatilhom danni, li jammontaw għal tlett mija u sitta u tmenin miljun ewro (€386,000,000).

Ir-rikorrenti qiegħda fost oħrajn titlob li l-mandat odjern jiġi revokat abbażi tal-artikolu 836(1)(d) li jiddisponi "*li jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"* mandat bħal dan jista' jiġi revokat jew l-ammont kawtelat jkun imnaqqas.

F'dan ir-rigward jiġi osservat li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok, jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-

Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imwarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tat-23 ta' Ġunju 1994 fl-ismijiet Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et** u dik **tal-P.A. tad-29 Ta' Novembru 2001 fl-ismijiet Vincent Merċieca vs George Galea**).

Daqstant ieħor huwa importanti li f'dawn ix-xorta ta' proċeduri din il-Qorti trid toqgħod 'l bogħod milli tiddikjara ruħha minn kemm suppost biex ma jkunx kompromess il-mertu fis-sustanza, aktar u aktar meta din il-proċedura ser tkun determinata mill-Qorti kif ukoll presjeduta biex tiddeċiedi l-pretensjonijet fil-mertu.

Fis-**Sentenza tal-PA, fl-ismijiet Vincent Mercieca -vs- George Galea deċiża fid-29 ta' Novembru 2001**, jingħad hekk:

"*Dan ifisser illi dak li l-Qorti trid tara f'dan l-istadju tal-kawża huwa jekk il-konvenut kellux prima facie bażi ġuridika li fuqha setgħa jaġixxi sabiex joħroġ mandat kawtelatorju, u dan fid-dawl tal-prinċipju li d-dritt per se għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandu bl-ebda mod jiġi preġudikat, u wisq inqas id-dritt ta' persuna li tipproteġi l-interess tagħha sakemm id-dritt sostantiv jiġi finalment determinat mill-istess Qorti*".

Minn dan isegwi li anke jekk jiġi determinat fil-pożittiv li r-rikorrenti kellha dritt taġixxi sabiex tissalvagwardja l-pretensjonijiet tagħha (Ara **Deċiżjoni fl-ismijiet Visa Investments Limited -vs- Blye Engineering Co. Ltd" P.A. tas-7 ta' Frar 2001**). Ovvjament dan ma jfissirx li l-azzjoni tas-soċjeta' intimata ser tirnexxi, għaliex id-determinazzjoni tal-istess talbiet tispetta biss lil dik il-Qorti li qed tisma' l-mertu tal-kawża u fl-ambitu tal-kawża proprja dwar il-mertu. Tal-istess portata hija s-**Sentenza fl-ismijiet Cammast Ltd -vs- Joseph E Gauci et, P.A. tal-31 ta' Mejju 2000**.

Issa l-Qorti eżaminat l-atti ta' din il-proċedura li prinċiplament jistrieħu fuq Group App li waqa' f'idejn l-intimati, li bil-fors hekk waqa' f'idejhom bis-saħħa ta' persuna li kienet midħla tas-Soċjeta' Air X. Fid-dawl tas-somom kbar li jissemmew u tal-istrataġemmi li jissemmew miż-żewġ naħat, din il-Qorti ma tista' teskludi xejn b'liema mod App bħal dan spiċċa f'idejn ir-rivali tas-Soċjeta' Air X, imma tajjeb jew ħażin hekk ġara. Ma jirriżultax li mill-pubblikazzjonijiet pubbliċi li isem ir-rikorrenti bħala l-Awtriċi, lanqas ma hemm xi referenza għaliha. Għalkemm fl-sms's tissemma' diversi drabi ma' dak li kien għaddej, fir-rikors promotur ma hemm ebda referenza għaliha salv fl-okkju tal-kawża;

Minn eżami tal-sms's esebiti jidher li xi xorta ta' parteċipazzjoni da parti tar-rikorrenti kien hemm għalkemm ħafna minhom kienu pjuttost kummenti. Iżda jekk dan jammontax għas-sodisfazzjon tal-pretensjoni tas-Soċjetajiet

intimati di fronte tar-rikkorrenti, dik hija kwistjoni li għad trid tkun deċiża mill-Qorti adita u kif presjeduta, biex tiddeċiedi l-kwistjoni fil-mertu.

Huwa minnu li paragonat mal-ammont massiv li s-Soċjetajiet inimati jgħidu li sofrew, l-ammont kawtelat huwa wieħed irriżorju. Iżda l-Qorti trid tieħu l-ammont ikkawtelat fil-livell ta' parteċipazzjoni fl-App inkwistjoni u di pju teżamina dan l-ammont fil-kuntest tar-rikorrenti li hija persuna salarjata. Tenut kont taċ-ċirkostanzi, din il-Qorti tħoss li għandha tirrevedi l-ammont billi tirriduċih għall-ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000).

Issa r-rikorrenti qiegħed jitlob ir-rimedju taħt l-Artikolu 838A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jiddisponi hekk: "*Il-qorti tista', meta tintwera kawża ġusta għal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inħareġ att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-ħruġ tal-att kawtelatorju sabiex tagħti, fi żmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa għall-ħlas tal-penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u, fin-nuqqas, li tneħħi l-att kawtelatorju".*

Dwar dan l-artikolu ntqal fis-**Sentenza fl-ismijiet SN Properties Ltd -vs- Camilleri deċiża fis-6 ta' Ġunju, 2000**, "*li apparti xi raġunijiet speċifiċi li ġew introdotti per se fl-istess artikolu, l-ispirtu tal-istess artikoli huwa intiz, sabiex bħal ma stabbilit fil-ġurisprudenza konstanti eżistenti qabel il-promulgazzjoni tal-istess emendi, ma jkunx hemm abbuż minn tali ħruġ ta' mandati kawtelatorji, u dan l-abbuż huwa identifikat f'każijiet ta' mala fede,*

*vessatorjeta' u negliġenza grossolana. Tali każijiet ma eliminawx per prinċipju l-azzjoni ġenerali għad-danni ai termini tal-Artiloku 1031 tal-Kodiċi Ċivili, dejjem fil-kuntest u b'konsegwenza ta' dritt ta' azzjoni*".

Issa l-Qorti eżaminat mill-qrib dak li qed titlob ir-rikorrenti. Il-garanzija inkwistjoni prinċiplament qed tintalab fid-dawl li minħabba s-somma massiva li qed tintalab fil-kawża proprja d-drittijiet legali skond it-tariffi tal-Qorti ser ikun ta €5,149,194. Imma l-Qorti tirrileva din il-garanzija tista' tintalab fi kliem il-liġi biex tagħmel tajjeb għad-danni u imgħax. Il-liġi ma tagħmel ebda referenza għall-garanzija ta' drittijiet fil-kawża proprja fi proċedura bħal din. Di piu' fis-seduta tat-3 ta' Luju 2024 il-partijiet kollha ddikjaraw li s-salarju qed jirċevuħ fl-intier tiegħu u kwalunkwe dejn li għandhom ma' Banek qed jitħallas kontanti. Għalhekk lanqas ma jidher li huwa l-lok li din il-Qorti għandha timponi garanzija biex pendenti l-Kawża proprja għall-kapital u imgħaxijiet li talvolta għaliex ma humiex qed ikunu imċaħħda mill-użu ta' flushom b'konsegwenza tal-mandat.

**Deċide**

Għaldastant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed tilqa' it-talbiet tar-rikorrenti u għar-raġunijiet inkwantu dawn huma ibbażati inter alia fuq l-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk qed tirriduċi l-ammont ikkawtelat għal ħamsa u sebgħin elf ewro (€75,000) filwaqt li qed tiċħad it-talbiet l-oħra kollha.

Spejjes jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

Illum, 6 ta’ Awwissu 2024

**Onor. Imħallef Toni Abela**